Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,637, 27 ta' Awwissu, 2010

Taqsima B

A.L. 413 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Social Work jew Master of Arts in Social Policy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Social Work jew Master of Arts in Social Policy, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Social Work jew Master of Arts in Social Policy - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 285 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għall-grad ta' Master of Arts in Social Work:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fis-Social Work jew l-ekwivalenti u minimu ta' sentejn esperjenza ta' prattika fil-ħidma soċjali; jew

(b) id-Diploma in Social Work jew id-Diploma in Applied Social Studies (Social Work) minn din l-Università u minimu ta' ħames snin esperjenza ta' prattika fil-ħidma soċjali,

sakemm li dawn l-applikanti joqogħdu għall-intervista b'suċċess, li matulha jkunu meħtieġa jipprovdu evidenza bil-miktub ta' prattika fil-ħidma soċjali kkonfermata minn min iħaddimhom u kwalifiki rilevanti oħra miksuba wara t-tmiem tal-kors għad-diploma; u

sakemm li dawn l-applikanti jkunu temmew programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 6."

Iż-Żieda tal-ordinament 6 mal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 6 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali.

"Il-Programm Preparatorju

6. (1) L-applikanti li jidħlu skont is-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 ikunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju, li jkopri 45 kredtu kif indikat mill-Bord, qabel ir-reġistrazzjoni bħala studenti regolari fil-Kors. Dawk l-applikanti li jiksbu medja ta' 65% jew ogħla fil-programm preparatorju biss ikunu kkunsidrati għad-dħul skont paragrafu (b) tal-ordinament 3.

(2) Il-programmi preparatorji huma suġġetti wkoll għar-Regolamenti Prinċipali."

In-numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 6 sa 14 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 6 sa 14 tal-ordinamenti prinċipali għandhom ikunu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 7 sa 15.